MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 61/2004

**Joseph Grech ezercitanti n-negozju taht isem id-ditta "Grech's Central Stores"**

**vs**

**Guza Micallef**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi l-attur jopera hanut fi Triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex.

Illi l-konvenuta xtrat minghand l-attur diversi oggetti li ghalihom hija dovuta is-somma ta' Lm54.70 kif jirrizulta mill-istatement anness.

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi u minkejja diversi promessi ta’ hlas, il-konvenuta baqghet ma halsitx l-ammont dovut.

Ghaldaqstant l-attur qed titlob bil-qima li l-konvenuta tkun ikkundannata thallas l-ammont imsemmi flimkien ma’ l-imghax b’effett mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas relattiv.

Bl-ispejjez taz-zewg ittri nterpellatorji spediti fit-23 ta’ April 2004 u 4 ta’ Mejju 2004.”

Ra li l-konvenuta debitament notifikata fl-24 ta’ Settembru 2004 la pprezentat risposta u lanqas dehret ghas-seduti tal-1 ta’ Ottubru 2004 (data pero’ li fiha t-terminu ghar-risposta kien ghadu ghaddej), tal-15 t’’Ottubru 2004 u dik tal-lum, f’liema data gew ippresentati u approvati l-kapitoli;

U peress li ma hemm l-ebda raguni l-ghala l-kapitoli m’ghandhomx jigi emmnuti;

Jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta ghall-hlas ta’ LM54.70 hlas ta’ diversi oggetti mibjugha u kkunsinnati lill-konvenuta bl-imghax b’effett mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez taz-zewg ittri nterpellatorji spediti fit-23 t’April 2004 u tal-4 ta’ Mejju 2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------